

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/656/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 560/2005 dwar miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire

(2013/C 138/07)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/656/PESK ⁽¹⁾ u fl-Anness IA għar-Regolament (KE) 560/2005 ⁽²⁾ dwar miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire.

Wara rieżami tal-listi ta' persuni li jidhru fl-Annessi ta' hawn fuq, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li dawk il-persuni għandhom jibqgħu jkunu soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati dwar il-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fil-websites fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 560/2005, sabiex jiksbu awtorizzazzjoni, jekk hija ġġustifikata, biex jużaw fondi ffriżati għal ħtiġijiet bażiċi jew għal pagamenti speċifiċi (cf. l-Artikolu 3 tar-Regolament).

Għall-fini tar-rieżami li jmiss tal-Kunsill tal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi, il-persuni kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill qabel il-31 ta' Marzu 2014, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn, li d-deċiżjoni li tinkludihom fuq il-lista msemmija għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
DG C — Unit 1C (Horizontal Issues)
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Qed tinġibed l-attenzjoni għall-possibbiltà għal kull persuna kkonċernata li tikkuntesta d-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kondizzjonijiet stipulati fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 275, u fir-raba' u s-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 285, 30.10.2010, p. 28.

⁽²⁾ ĠU L 95, 14.4.2005, p. 1.